MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 252/2003

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Christian Vella u l-istess Christian Vella**

**vs**

**Gaetano Sciberras**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmienja u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm598.25), u fejn intqal:**

**1. Illi fit-3 ta' Gunju, 2001 l-attur Christian Vella kien qed isuq il-vettura tieghu UMM-496 l-Blata l-Bajda. Meta avvicina National Road mill-Junction Road, id-dwal tat-traffiku kienu homor u ghalhekk huwa waqaf.**

**Imbaghad id-dwal saru sofor ("amber") u in segwitu hodor u ghalhekk huwa saq il-quddiem biex jidhol f'Dun Gorg Preca Street. F'daqqa wahda minn naha tax-xellug tieghu giet il-bus DBY-417 misjuqa mill-konvenut li baqghet diehla fuq il-parti tax-xellug ta' wara tal-vettura ta' l-istess attur;**
**2. Bhala konsegwenza ta' l-istess habta gew kagunati danni fil-karrozza ta' l-attur fis-somma ta' hames mija u tmienja u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm598.25) li minnhom erba' mija tmienja u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm498.25) gew sopportati mill-kumpanija attrici taht il-polza u mitt lira Maltija (Lm100.00) mill-istess attur. Dawn id-danni ma gewx imhallsa ghalkemm intbaghtet ittra ufficjali fl-14 ta' Frar, 2002 li giet notifikata lill-Omnibus Pool, l-assikurazzjoni tal-konvenut;**
**3. Ghalhekk l-atturi jitolbu li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut li jhallas in linja ta' danni s-somma fuq imsemmija ta' hames mija u tminja u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm598.25) kwantu ghal erba' mija tmienja u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm498.25) lill-kumpanija attrici li sburzat l-ammont taht il-polza, u kwantu ghall-mitt lira Maltija (Lm100.00) lill-attur li baghtiha minn butu, kagunati fl-imsemmija habta, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija u ta' dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax mill-14 ta' Frar, 2002, kontra l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mula ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut u esebixxa d-dokumenti dwar id-danni. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkusidra:**

**1. Illi l-incident li sehh fit-3 ta' Gunju, 2001, sehh unikament tort tal-konvenut meta dana baqa' hiereg ghal fuq l-attur li kien baqa' miexi meta d-dritta kienet ta' l-attur, li kien beda jsuq biex jidhol f'Dun Gorg Preca Street, Blata l-Bajda, peress li d-dawl tat-traffiku kien qaleb ghall-ahdar. Ix-xarabank numru ta' registrazzjoni DBY-417 laqtet il-vettura ta' l-attur numru ta' registrazzjoni UMM-496, fuq wara, fuq il-parti tax-xellug.**

**2. Bhala danni dawn jirrizultaw skond ma xehed l-istess Joe Mula ghas-socjeta` attrici, u mid-dokumenti esibiti.**

**Ghaldaqstant in kwantu ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-konvenut, u wara li ra l-artikolu 13 (b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-atturi, u jikkundanna lill-konvenut ihallas: lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe is-somma ta' erba' mija tminja u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm498.25), u lill-attur Christian Vella s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00); kif ukoll l-imghax legali mill-14 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Frar, 2002, u l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------